MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1819/2003

**Carmel Cilia u Geronima Cilia**

**Vs**

**Mario Bartolo u Rita Bartolo**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf u ghaxar liri Maltin (Lm1010) rappresentanti imghax dovuti fuq is-somma ta' Lm18130 skond zewg skritturi datati 2 ta' Dicembru 1999 u 6 ta' Gunju 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja tas-7 ta' Lulju 2003 u l-ittra ufficjali tat-23 ta' Lulju 2003 u bl-imghax legali mit-23 ta' Lulju 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-atturi sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elf u ghaxar liri Maltin (Lm1010), bl-imghaxijiet legali mit-23 ta’ Lulju 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra interpellatorja tas-7 ta’ Lulju 2003 u l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Lulju 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------